# L-Apside titulari fil-Knisja tagħna

Informazzjoni miġbura mill-Uffiċċju Parrokkjali
addattata minn Clayton Chetcuti

Meta nbidel it-titular tal-Knisja tagħna mill-Madonna tad-Dmugħ għal Marija Reġina eżattament fis-26 t'Awwissu 1968, fi żmien il-Kappillan Patri Kalċidon Baldacchino, kien ġie kkummissjonat ipitter il-kwadru titulari taħt l-istess titlu, l-artist Għawdxi l-Kavallier Pawlu Camilleri Cauchi. Pawlu huwa iben l-arti; it-tifel il-kbir tal-iskultur u statwarju Wistin Camilleri, fejn fil-Parroċċa tagħna għandna x-xorti li għandna l-istatwa ta' Malta Rebbieħa li nħadmet fl-1968. Minn età bikrija Camilleri Cauchi daħal fl-arti u studja barra minn Malta fosthom Londra, Ruma, Perugia u Firenze. Ix-xogħlijiet tiegħu llum iżejnu bosta knejjes f'Malta u Għawdex u saħansitra fl-Italja.

Inkomplu fejn ħallejna. L-ewwel kwadru Titulari (f'dawn l-aħħar snin restawrat u llum jinsab fis-sagristija) tpoġġa fuq l-artal maġġur flok il-bust tal-Madonna tad-Dmugħ fejn illum insibu l-kurċifiss.

Biss dan l-artiklu huwa fuq il-apside li turi l-Inkurunazzjoni tal-Madonna. Pittura b'kuluri vivaċi u vibranti li jdaħħlu lil dak li jkun qed jaraha, f'festa ta' kuluri u movimenti li kollox ma' kollox idur maċ-ċentru tal-Pittura, l-Inkurunazzjoni tal-Madonna.

Ftit tas-snin ilu, proprju fl-2008, il-Knisja kienet qed tinżebaħ u beda wkoll xi restawr fuq ċerti affarijiet bħall-Kurċifiss u l-ewwel pittura titulari. Meta tlajna biha għand Pawlu Camilleri Cauchi mill-ewwel laqana u kelma ġġib l-oħra Pawlu uriena l-abbozz 'propja' ta' kif kienet ġejja l-apside. Abbozz mill-isbaħ li juri t-Trinità Qaddisa tinkuruna l-Madonna. Fuq naħa minnhom turi



*Dettal mix-xena tal-Inkurunazzjoni*

l-qaddisin li tkellmu fuq l-Madonna filwaqt li fuq in-naħa l-oħra wieħed isib qaddisin u Santi Padri li tkellmu fuq it-Trinità Qaddisa.



*Dettal mill-pittura turi kliem miktub fuq xagħar il-Madonna, "Madonna ħarisni u mexxini"*

Tajjeb li nsemmu li sakemm ma' saret din il-pittura, kien hemm *stained glass* li ovvjament iktar tard tneħħa u l-post ġie mibni biex jagħmel spazju għat-tila li tweħħlet fuq il-post fi tliet biċċiet kbar. Il-pittura hi wiesa 21 pied u twila 14-il pied u tlestit fis-sena 1973.

Dan l-artiklu ser ikun qed jispjega biċċa biċċa din il-pittura, kif u għaliex intużaw ċertu kuluri kif ukoll spjegazzjoni tal-ħafna simboliżmi li tinkludi din il-pittura. Iċ-ċentru tal-pittura hija x-xena tal-Inkurunazzjoni tal-Madonna minn Alla l-Missier waħdu. Xena li nsibuha f'ħafna pitturi oħra fil-pitturi tal-Inkurunazzjoni tat-13 u l-14-il seklu. Nieħdu eżempju bil-pittura triptika tal-Inkurunazzjoni ta' Filippo Lippi u l-Inkurunazzjoni ta' Sandro Botticelli li t-tnejn li huma juru biss l-evidenza tal-Missieretern.

Fil-pittura tal-Inkurunazzjoni tal-Knisja tagħna, naraw lil Missieretern, fis-sura tradizzjonali ta' raġel mistiku mdaħħal fiż-żmien, fuq sħaba mdawwra max-xemx. Il-Missier jidher nieżel minn fuq is-sħab u jinklina lejn il-Verġni Marija fil-proċess tal-Inkurunazzjoni. Pawlu Camilleri Cauchi pitter il-Missier f'libsa ħadra u mdawwar f'mant vjola. Il-kuluri jissimbolizzaw it-tama, l-abbundanza u l-ġenerożità ta' Alla fil-kulur aħdar, filwaqt li l-vjola fl-arti Kristjana jissimbolizza kulur irjali li wkoll ifisser tama kif ukoll fiduċja. Il-Missier jidher bil-kuruna f'idejh it-tnejn, jinkuruna l-Madonna. Ir-raġġiera tiegħu tidher fil-forma triangolari li tissimbolizza l-Misteru tat-Trinità Qaddisa.

Ftit iktar l-isfel minn din ix-xena, eżattament taħt il-kuruna li nsibu f'idejn il-Missier, naraw il-Verġni Marija fuq l-irkobbtejn, b'simbolu ta' aċċettazzjoni u umiltà li kull Nisrani għandu jfittex f'Marija. Il-mara tidher bir-raġġiera ta' tnax-il kewkba mdawwra ma' rasha li tissimbolizza l-unità, solidarjetà u armonija. Relatata l-iktar mal-mara liebsa x-xemx "... u b'kuruna ta' tnax-il kewkba mdawwra ma' rasha". Fil-pittura ta' Camilleri


*Dettal mix-xena tal-Papa Piju XII*

Cauchi naraw il-Madonna liebsa lbies irjali bil-libsa ta' taħt impittra bajda li tirrappreżenta l-purità u l-verġinità ta' Marija. Barra minn hekk tinsab imdawwra b'mant ikħal miksi bid-drapp irjali tal-ermellin. Il-blu fl-arti Kristjana jfisser ħajja. Min iktar minn din l-Omm Verġni seta' jagħti ħajja ikbar lill-umanità bit-twelid tal-Iben t'Alla?

Fuq ix-xellug insibu s-simboli tal-art u s-sema, fejn fuq l-art insibu għajn tal-ilma u siġra filwaqt li fis-sema naraw stilel u galassja ta' pjaneti, fejn dawn bħall-kliem li hemm imdawwar mal-apside l-artist irid ifakkar li Marija hija r-Reġina tas-sema u l-art, bl-ilma u s-siġra jissimbolizzaw il-ħajja pura ta' Marija.

Fuq in-naħa tal-lemin naraw il-Papa Piju XII bl-isfond tal-faċċata tal-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan. Il-Papa Piju XII mexxa l-Knisja Kattolika mill-1939 sal-1958 u jibqa' msemmi bħala l-Papa 'tal-Madonna', bid-domma tal-Assunta u l-enċiklika 'Ad Coeli Reġinam' fejn fiha ddikkjara li Marija ġiet inkurunata Reġina tas-sema u l-art mit-Trinità Qaddisa. F'din il-pittura wieħed jista' jara lil Papa Piju XII jħares rasu 'l fuq lejn ix-xena tal-Inkurunazzjoni, bilkemm wieħed ma jaħsibx li din ix-xena qiegħda tiġri quddiem għajnejh, b'idejh miftuħa għal dak kollu li qed jiġri.

Il-pittura hija mdawwra bil-kliem; 'Fik inqiegħdu t-tama tagħna O Sultana tas-sema u l-art," li kienu saru mal-pittura fl-1973 u nbiddlu ġodda fl-2008, meta ġiet miżbugħa mill-ġdid il-Knisja u saru fl-injam mis-Sur Joe Debattista.

L-apside tiġbed l-ewwel għajn fil-Knisja tagħna. Pittura li ddaħħlek f'komunikazzjoni divina ma' Marija u żgur li l-artist żamm quddiem għajnejh il-kliem mill-għeluq tal-Enċiklika tal-Papa Piju XII 'Ad Coeli Reġinam' jgħid, "... B'din l-enċiklika aħna qed noħolqu festa biex kulħadd jirrikonoxxi aktar ċar u jqim iktar b'devozzjoni l-ħniena u l-maternità t'Omm Alla."